

32001R1726

1.9.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 234/10

**IR-REGOLAMENT (KE) Nru 1726/2001 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
tat-23 ta' Lulju 2001**

**li jemenda l-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1292/96 fuq il-politika ta' l-ghajjnuna fuq l-ikel
u l-ġestjoni ta' l-ghajjnuna fuq l-ikel u operazzjonijiet speċjali fl-ghajjnuna fis-sigurtà ta' l-ikel**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 179 tiegħu,

Artikolu 1

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,

L-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1292/96 huwa emendat kif ġej:

Waqt li jaġixxu b'mod konformi mal-proċeduri stabiliti fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽²⁾,

"Artikolu 21

Billi:

- (1) L-Komunità u l-Istati Membri tagħha jieħdu sehem f'numru ta' ftehim internazzjonali marbuta mal-politika ta' l-ghajjnuna fuq l-ikel, ġestjoni ta' l-ghajjnuna għall-ikel u operazzjonijiet speċjali għas-sapport ta' sigurtà ta' l-ikel, fosthom il-Konvenzjoni għall-Ghajjnuna ta' l-ikel 1999.
- (2) Dik il-Konvenzjoni kienet approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/421/KE tat-13 ta' Ġunju 2000 mal-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' l-Ghajjnuna fuq l-ikel ⁽³⁾.
- (3) Huwa neċessarju li l-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1292/96 ⁽⁴⁾ ikun addattat b'mod sostantiv bi qbil ma' l-Artikoli III u IV tal-Konvenzjoni għall-Ghajjnuna fuq l-ikel 1999,

1. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, għandu jiddeċiedi s-sehem tal-Komunità ta' l-ammont totali ta' ghajjnuna, jew f'tunnellati ta' qamħ ekwivalenti jew fil-valur jew f'għaqda ta' tunnellaġġ u valur, stabbilita fil-Konvenzjoni għall-Ghajjnuna fuq l-ikel bħala l-kontribut totali sewwa tal-Komunità kif ukoll ta' l-Istati Membri tagħha.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkordina l-operazzjonijiet tal-Komunità u ta' l-Istati Membri tagħha fir-rigward tal-forniment ta' ghajjnuna taħt il-Konvenzjoni għall-Ghajjnuna fuq l-ikel u għandha tiżgura li l-kontribuzzjoni totali mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha tkun almenu għolja daqs l-impenn li hemm provdut fl-imsemmija Konvenzjoni."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel fit-23 ta' Lulju 2001.

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

N. FONTAINE

A. NEYTS-UYTTEBROECK

⁽¹⁾ ĠU C 154 E, ta' l-29.5.2001, p. 108.

⁽²⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Mejju 2001 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-10 ta' Lulju 2001.

⁽³⁾ ĠU L 163, ta' l-4.7.2000, p. 37.

⁽⁴⁾ ĠU L 166, 5.7.1996, p. 1.